




# Mard fl-Għajnejn u l-Kura tan-Nanniet



Guido Lanfranco

Mard, inkwiet u dwejjaq nibtu mal-ħajja fuq wiċċ id-dinja u jibqgħu sat-tmiem. Tul iż-żmien il-bniedem stinka biex itaffihom billi jsib rimedji għalihom, u f'kull żmien dawn ir-rimedji nbidlu u saru aktar effiċjenti skont kif żviluppaw il-mezzi tax-xjenza. Madankollu l-ġenerazzjonijiet l-antiki sikwit jibqgħu jużaw ir-rimedji li jkunu draw bihom fi żmien meta ma kellhomx għażla aħjar. F'din il-kitba qasira se nsemmu xi ftit mill-kura popolari, fil-mard tal-għajnejn, li kienu jippruvaw in-nanniet bit-tama ta' fejqan u li xi ftit għadhom jemmnu fihom s'issa.

Ix-xgħira mhix kundizzjoni proprja tal-għajn, imma tax-xfar tal-għatu li jew ikunu infettati jew iffjammati minħabba xi kundizzjoni oħra. Għal dan kienu jbaħbħu għajnejhom bit-tè karg bħala astrinġent jew wkoll bl-ilma tax-xgħir. Iżda bħal f'xi mard ieħor, kien hemm min jirrikorri għal dak ir-ritwal popolari komuni maġiku u misterjuż li fih jgħidulek biex tieħu seba' xgħiriet u, waqt li toqgħod dahrek lejn il bir, tixħethom fih wara spallejk... u tispera li jaħdem.

Iffjammazzjoni, ħmura fl-għajnejn jew ukoll ċesta jkunu skomdi u wkoll jistgħu jiggravaw. Mingħajr xejn spejjeż kien hemm min ibaħbaħ bl-awrina sħuna ta' tfal ċkejknin jew imiss l-għajnejn b'xi bajda friska sħuna ta' tiġieġa. Biex tiċċara l-għajnejn kont tista' tagħmel bħal ħaddieħor u tbaħbaħ bl-ilma tal-bużbież, tal-kamumella jew tal-bisbula mgħollija. Kien hemm uħud li jużaw ftit meraq tal-lumi (li kien jinħass xi ftit jaħraq) u saħansitra ġieli ssuġġerew il-meraq li jiskula mir-rizzi. Kien hemm ukoll min jidlek xi ftit għasel mal-ħalib tajjeb bħala ingwent.

Dak kollu li semmejna għall-iffjammazzjoni kien ukoll użat meta, bl-età, tibda tiżviluppa l-katarretta fil-lenti tal-għajn u l-vista tibda tiċċajpar imma mard deġenerattiv mhux kemm tidliklu u tbaħbħu. Marda tal-għajnejn oħra kienu jgħidulha l-qarnita (fl-oftalmoloġija jgħidulha *pterygium)* li biha jikbru bħal friegħi jew swaba mir-rokna nażali tal-għajn li jibdew jinfirxu.

Meta kien jidher bidu ta' qarnita jew ukoll meta l-għajnejn ikunu mċajpra, ħafna kienu jippruvaw jirrimedjaw bil-fejġel. Din hija pjanta tax-xagħri b'riħa qawwija li kienet tintuża fuq xi uġigħ fil-ġogi maż-żejt sħun, imma fil-każ tal-għajnejn l-applikazzjoni kienet wisq differenti. Wieħed mill-prinċipji tal-mediċina popolari kien li, jekk għandek xi mard jew gwaj ieħor, dan trid toħorġu 'l barra minn ġismek. Tal-għajn kien maħsub li joħroġ mad-dmugħ. Xi ħadd kien jieħu ftit weraq tal-fejġel u joqgħod jomgħodhom biex ir-riħa tagħhom tinħass aktar mbagħad imur lejn il-pazjent u jonfoħlu l-fwar tal-fejġel dritt ġo għajnejh. Dan kien jikkaġuna d-dmugħ li miegħu, kienu jittamaw, joħroġ il-gwaj. Lit-trabi u tfal ċkejknin b'għajnejhom iffjammati kienu jagħmlulhom l-istess iżda minflok fejġel kienu jużaw xi ħwawar bħal plejju u oħrajn ifuħu jew żerriegħa tal-bużbież misħuqa.

Madankollu, għall-qarnita tal-għajn kienu japplikaw ritwal ieħor ta' xeħta aktar maġika milli ħaġ'oħra. Kien ikollhom, jissellfu jew jiddubbaw ċurkett li kien magħruf bħala l-ħatem tal-qarnita. Skont prinċipju ieħor tal-mediċina popolari jekk ikollok xi mard tista' tuża rimedju li jkun fih xebh mal-organu marid. Fil-każ tal-għajnejn malajr sabu xi ħaġa tixbah l-għajn. Ħafna bebbux jew għakrux tal-baħar meta jidħlu f'qoxrithom jagħlqu warajhom bi speċi ta' għatu iebes ovali li jkun imwaħħal magħhom. Fl-istudju tal-molluski dan l-għatu nghidulu *operculum.* Bħalma l-qoxra tal-bebbuxu tikber f'għamla spirali, hekk ukoll jikber l-*operculum* jew l-għatu li semmejna. L-ispeċi ta' bebbuxu li kien jintuża kontra l-qarnita tal-għajn kienet l-*astraea rugosa* għax il-forma finali u tleqq tal-għatu tiegħu tidher qisha għajn u għalhekk, skont il-prinċipju tax-xebh fil-mediċina popolari li semmejna, kien jidhrilhom li dan jista' jintuża kontra l-mard tal-għajnejn sempliċiment għax jixbah l-għajn. Kien ikun hemm min jaqla' dan għatu mill-bebbuxu u jwaħħlu ma' ċurkett biex jintlibes fuq is-swaba'.

Min kien jintriga jagħmilha ta' "tabib" kien imiss l-għajn affettwata tal-pazjent b'dan iċ-ċurkett filwaqt

li jgħid taħlit ta' kliem bejn maġiku u devozzjonali li nistgħu inqisuh bħala forma ta' skunġrar jew riqi. Il-kliem li kien jingħad kien ivarja minn post għall-ieħor bħalma wieħed jistenna fil-folklor orali imma l-qafas prinċipali baqa' l-istess, jibda bir-radd tas-salib, tissemma' l-bużbieża għax minn żmien klassiku kienet ukoll tintuża biex tiċċara l-għajnejn, u tissemma wkoll ix-xtajta jew il-baħar għaliex bosta rimedji kienu jikkunsidraw il-baħar jew salib it-toroq bħala posat fejn jistgħu jmorru, jintilfu u jisparixxu fl-infinit il-mard u d-dwejjaq tal-bniedem. Dawn li ġejjin huma żewġ forom ta' kliem li ġbart minn fomm min kien involut fihom.

Waħda anzjana (18-V-1993) qalet: "Meta kont żgħira, kelli xi erba' snin, kien ikolli għajnejja juġgħuni u ħomor, u z-zija tiegħi, oħt ommi, kienet tgħidli pregiera u kien ikollha għajn tal-qarnita, tgħaddihieli fuq għajnejja, minn ġewwa għall-barra, waqt li tgħid il-kliem, iżda qabel tagħmel salib fuq moħħi:

"Salib indew, indew,
San Mark u San Mattew,
Inżilt max-xtajta x-xtajta
Sibt lil Ġesù Bambin,
Qalli: 'Binti, x'għandek?'
Għedtlu: 'Għandi għajnejja tuġagħni.'
Qalli: 'Mur fil-ġnejna tiegħi
U sib il-biżbula ħadra,
Żrajtha b'idejja,
Saqqejtha bi dmugħ għajnejja.'
Santa Margerita,
Neħħili l-qarnita."

Giovanna Vella, Tas-Sliema, (7-V-1980) li kienet taf min kien juża ċ-ċurkett tal-qarnita:

"Salib iddew iddew,
San Mattija San Mattew;
Ltqajt ma' Ġesù Bambin
Qalli: 'Int fejn sejra?'
Għedtlu: 'Għandi għajnejja tuġgħani.'
Qalli: 'Mur il-ġnejna tiegħi,
Għandi bużbieża ħelwa ħelwa,
Żrajtha b'idejja,
Saqqejtha bi dmugħ għajnejja,
Issib lil Santa Margerita
Tneħħi l-għabra u l-qarnita,
Issib lil Santa Luċija,
Ttik id-dawl u id-dija."

*(Għal aktar informazzjoni dwar mediċina popolari rreferi għal dawn il-kotba illustrati tal-istess awtur li għadhom jinstabu: "Mediċina popolari tal-imgħoddi fil-gżejjer Maltin" 261 paġna (2001) Klabb Kotba Maltin; "Ħxejjex mediċinali u oħrajn fil-Gżejjer Maltin" 160 paġni (1993, 2ni edizzjoni 2000) Media Centre, imma issa mingħand il-Wise Owl Bookshop, Triq il-Kbira, ir-Rabat)*